# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Frar, 2020**

**Numru 13**

**Citazzjoni numru 1134/09 AE**

**L-Avukat Dottor Simon Micallef Stafrace nominat kuratur tal-falliment ta' Alfred Debono fis-6 ta' Lulju 1995**

**v.**

**Carmela sive Lina Debono u Adrian Vella**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur nomine fid-19 ta' Novembru, 2009, fejn inghad hekk:

> "1. Illi b'sentenza mogtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-6 ta' Lulju 1995 fil-kawza 343/95 GV fl-ismijiet l-*Avukat Dottor Louis Pullicino nomine vs Alfred Debono*, l-istess Alfred Debono gie dikjarat fi stat ta' falliment skond l-artikolu 482(1) tal-Kap. 13 stante li waqaf ihallas id-dejn tieghu b'effett mit-30 ta' Dicembru 1993 u gie nominat kuratur l-Avukat Dottor Simon Micallef Stafrace, u b'digriet fl-istess kawza tal-15 ta' Dicembru 1997 gew ammessi diversi kredituri b'total ta' €515945.19 oltre imghaxijiet u spejjes;

> “2. Illi in forza ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Mark Coppini tat-tletin (30) ta’ Marzu 1990 Alfred Debono u Carmela sive Lina Debono, kif awtorizzati minn Digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili, xoljew il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti dakinhar bejniethom u in forza tal-istess Att il-proprjeta’ li kienet iggib l-isem “Debran” u bin-numri hmistax u sbatax (15 u 17) fi Triq tal- Mielah, High Ridge, St. Andrews limiti tal-Gharghur giet registrata biss f’isem Carmela sive Lina Debono billi in-nofs indivis tal-imsemmi Alfred Debono gie assenjat, fl-intier tieghu, lill-imsemmija Carmela sive Lina Debono;
>
> “3. Illi b’sentenza tal-Onorabbli Qorti Civili Prim’Awla tal-14 ta’ Dicembru 2001 fl-ismijiet *687/1990 GCD Joseph Bonello vs Alfred Debono u martu Carmela sive Lina Debono* u b’digriet tal-5 ta’ Novembru 1996 *il-kawza tkompliet kontra Dr. Simon Micallef Stafrace bhala kuratur tal-falliment ta’ Alfred Debono*, il-Qorti ddikjarat li l-kuntratt tat-30 ta’ Marzu 1990 fuq imsemmi quddiem in-Nutar Mark Coppini bhala li ma jiswiex u bla ebda effett legali;
>
> “4. Illi fis-6 ta’ April tas-sena 2000 permezz ta’ kuntratt fl-Atti tan-Nutar Nathalie Pace Axiaq l-imsemmija Villa Debran giet trasferita lill-intimat Adrian Vella u ghalhekk waqt li l-kawza 687/1990 kienet ghadha pendenti;
>
> “5. Illi dan it-trasferiment ma setax isir u sar b’qerq u b’ingann fil-konfront tal-kredituri ta’ Alfred Debono;
>
> “6. Illi l-atturi jridu li dan il-kuntratt jigi rexiss u annullat.

Ghalhekk l-attur nomine talab lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili sabiex:

> “1. Tiddikjara li l-kuntratt tas-6 ta’ April tas-sena 2000 fl-atti tan-nutar Nathalie Pace Axiaq li permezz tieghu l-imsemmija Villa Debran giet trasferita lill-intimat Adrian Vella huwa rizultat ta’ qerq u ngann u sar bi frodi ghall-attur.
>
> “2. Konsegwentement tordna r-rexxissjoni tal-istess kuntratt.
>
> “3. Tinnomina nutar sabiex jippubblika l-att relattiv fil-gurnata, hin u lok li tiffissa din il-Qorti.
>
> “4. Tinnomina kuraturi ghall-eventwali kontumaci.
>
> “B’riserva tal-kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datat    ta’ Frar 2009 (*sic)* kontra l-intimati li jibqghu minn issa mharrka ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata ta' Carmela sive Lina Debono tal-25 ta' Jannar, 2010, li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

> "1. Illi preliminarjament, ir-rikorrent noe m'ghandux l-interess guridiku necessarju sabiex jintavola din il-kawza;
>
> "2. Illi preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghal dak gia' eccepit, il-kawza de quo hija insostenibbli stante li ma jissustux l-elementi necessarji rikjesti mill-Artikolu 1144 tal-Kodici Civili;
>
> "3. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghal dak gia' eccepit, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li t-trasferiment tal-proprjeta' bl-isem 'Debran' u bin-numri hmistax (15) u sbatax (17) fi Triq tal-Mielah, High Ridge, St. Andrews, li sar bejn l-eccipjenti u l-intimat l-iehor Adrian Vella permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-Atti tan-Nutar Dr. Nathalie Pace Axiaq datat 6 ta' April, 2000, ma sarx b'qerq u b'ingann fil-konfront tal-krédituri ta' Alfred Debono, u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh ta' din il-kawza;
>
> "4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jinghataw waqt il-prosegwiment tal-kawza."

Rat li l-konvenut l-iehor Adrian Vella, ghalkemm saru l-proceduri bl-affissjoni u l-pubblikazzjoni, baqa' ma wiegibx.

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-6 ta' Ottubru, 2014, li permezz taghha ddecidiet il-kawza billi filwaqt li cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, bl-ispejjez kontra taghha, cahdet it-talbiet tal-attur, bl-ispejjez a karigu tal-patrimonju ta' Alfred Debono.

Dik il-Qorti ddecidiet il-kawza wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "<u>Kwistjoni</u>.
>
> "L-attur qieghed jitlob dikjarazzjoni li l-kuntratt ta' bejgh pubblikat fis-6 ta' April 2000 pubblikat min-nutar Dr Nathalie Pace Asciak li bih il-

konvenuta bieghet lill-konvenut l-iehor il-fond Debran, 15 u 17, Triq tal-Mielah, High Ridge, St. Andrew's, sar b'qerq, ingann u frodi ghall-attur.

"<u>Fatti</u>.

"1. Il-konvenuta hi mizzewwga lil Alfred Debono.

"2. B'kuntratt tat-30 ta' Marzu 1990 il-konjugi Debono kienu tterminaw il-komunjoni tal-akkwisti u qasmu l-gid ta' bejniethom (fol. 87).

"3. Fid-19 ta' Lulju 1990 certu Joseph Bonello, kreditur ta' Alfred Debono, kien ipprezenta *actio pauliana* (Citaz. Numru: 687/1990) kontra l-konjugi Debono fejn attakka l-att ta' terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u qsim tal-gid.

"4. B'sentenza tas-6 ta' Lulju 1995 Alfred Debono gie ddikjarat fallut u Dr Simon Micallef Stafrace gie nominat bhala kuratur tieghu (numru 343/95).

"5. B'kuntratt tas-6 ta' April 2000 il-konvenuta bieghet lill-konvenut Adrian Vella l-fond Debran, 15 u 17, Triq tal-Mielah, High Ridge, Saint Andrews ghall-prezz ta' Lm142,500. Jirrizulta li fuq l-att kienu deheru ufficjali tal-Bank of Valletta plc u Lombard Bank plc li thallsu dejn u rrinunzjaw ghall-ipoteki li kien hemm fuq il-fond.

"6. B'sentenza tal-14 ta' Dicembru 2001 il-qorti laqghet it-talbiet ta' Joseph Bonello u ddikjarat li "…. *Kien bi hsieb ta' qerq li l-konvenuti dehru fuq il-kuntratt tat-30 ta' Marzu 1990 fl-atti tan-Nutar Mark Coppini, li kellu l-effett li jqieghed lill-konvenut f'qaghda li ma jistax ihallas id-dejn li ghandu ma' l-attur, u tghid illi dak il-kuntratt ma hux opponibbli ghall-attur, u ma jiswiex, u ma ghandux jitqies, safejn huwa bi hsara tal-jeddijiet u l-interessi ta' l-attur*". Minn din is-sentenza ma sarx appell (ara Dok. F a fol. 69).

"7. Fl-1 ta' Ottubru 2003 il-konjugi Debono infirdu legalment permezz ta' kuntratt pubblikat min-nutar Dr Joseph Debono (fol. 60).

"<u>Konsiderazzjonijiet</u>.

"1. Il-kuratur ippropona din il-kawza li biha qieghed jimpunja l-kuntratt ta' bejgh minhabba allegat ingann u qerq u bi pregudizzju ghad-drittijiet tal-kredituri tal-fallut. Fil-fatt fir-rikors guramentat ippremetta li l-att pubbliku tas-6 ta' April 2000 sar "….. *b'qerq u b'ingann fil-konfront tal-kredituri ta' Alfred Debono*".

"2. Kuratur jagixxi wkoll ghall-gid tal-kredituri tal-fallut. Tant hu hekk li l-Artikolu 501 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13) jipprovdi li:-

*"“(1) Hu dmir tal-kuraturi li jagixxu ghall-hlas tal-krediti tal-fallut, tkun liema tkun ix-xorta taghhom, ghall-gid tal-kredituri….."* (enfazi tal-qorti)."

"3. Il-qorti tibda biex taghmel riferenza ghal dak li xehedet il-konvenuta li ma kenitx taf bil-kawza Joseph Bonello vs Alfred Debono u martu Carmela sive Lina Debono (687/1990)[1], li kienet *actio pauliana* li fiha l-attur kien qieghed jimpunja l-kuntratt tat-30 ta' Marzu 1990 li bih il-konjugi Debono tterminaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom. Tant kienet taf li fit-22 ta' Awissu 1990 ipprezentat u kkonfermat nota tal-eccezzjonijiet[2]. Ghalhekk il-verzjoni li tat il-konvenuta m'hijiex il-verita.

"Min-naha l-ohra mill-provi rrizulta li l-konvenuta bieghet il-proprjeta minhabba s-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha. Jirrizulta li kien hemm dejn mal-Bank of Valletta plc li ried jithallas dak li kien dovut. Irrizulta kif per ezempju b'ittra tat-22 ta' Jannar 1998 (fol. 18) il-Bank of Valletta plc gharraf lill-konvenuta Debono li kien qieghed jatiha sat-28 ta' Frar 1998 biex tbiegh il-proprjeta u fin-nuqqas kienu ser jittiehdu passi biex tinbiegh f'irkant. B'ittra legali datata 2 ta' Frar 1998 il-konvenuta wiegbet fejn talbet lill-bank sabiex jatiha sitt xhur zmien biex tkun tista' tbiegh id-dar.

"4. Il-qorti tosserva li f'din il-kawza m'huwiex jigi kkontestat il-kuntratt tat-30 ta' Marzu 1990 fl-atti tan-nutar Dr Mark Coppini li bih il-konjugi Coppini tterminaw il-komunjoni tal-akkwisti u qasmu l-gid. Is-sentenza tal-14 ta' Dicembru 2001 inghatat biss favur Joseph Bonello u mhux il-massa ta' kredituri ta' Alfred Debono. Ghalhekk hi ta' beneficcju biss ghal dak il-kreditur, fis-sens li l-kuntratt li bih giet itterminata l-komunjoni tal-akkwisti m'huwiex opponibbli fil-konfront tieghu.

"5. Sabiex l-attur nomine jirnexxi fil-kawza m'huwiex bizzejjed li jaghti prova li fiz-zmien li gie ppubblikat il-kuntratt ta' bejgh, il-konvenuta kienet taf li hemm il-kawza 687/1990 pendenti u li zewgha kien gie dikjarat fallut. Kellha tinghata prova wkoll fil-konfront ta' Adrian Vella, li baqa' kontumaci. Fatt maghruf mill-attur tant li fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezenta fit-12 ta' Awissu 2014 ta l-kummenti tieghu dwar il-posizzjoni ta' dan il-konvenut. L-attur argumenta li:-

"(a) In-nuqqas ta' xhieda ta' Adrian Vella m'ghandhiex timmilita kontra t-tezi tal-atur. Fil-fehma tal-qorti lanqas m'ghandha sservi bhala ndizju kontra l-*bona fide* tax-xerrej;

"(b) Meta Adrian Vella ffirma l-kuntratt kellu jkun jaf jew kellu jkun jaf bil-kawzi prezentati u decizi peress li huma atti pubblici. Argument bazat fuq x'suppost kellu jkun jaf Adrian Vella u mhux x'kien jaf.

[1] "Jien lanqas biss kont naf li tezisti din il-kawza fejn kien qed jinghad li l-kuntratt li ghamilna jien u zewghi kien falz. Dan kien l-ikbar xokk ta' hajti. Zewgi ma kien jatini l-ebda sodisfazzjoni lili. Xejn ma kien ighidli…… Ma ghamilt l-ebda proceduri biex nikkontesta is-sentenza li inghatajt fl-atti tal-kawza 687/1990. Sirt naf biha wara li inqatghet fl-istess sena" (fol. 76).

[2] Ara fol. 18 tal-atti tal-kawza 687/1990.

> "Fil-fehma tal-qorti l-azzjoni tal-attur ma tistax tirnexxi gialadarba ma saritx prova li fiz-zmien li sar l-akkwist ix-xerrej Vella kien jaf li kien hemm pendenti l-kawza Joseph Bonello vs Alfred Debono et (687/90GCD) jew li kien jaf li b'sentenza tas-6 ta Lulju 1995[3] Alfred Debono kien gie dikjarat fallut. M'huwiex bizzejjed li jinghad, kif qal l-attur, li Vella kellu jkun jaf li saret il-kawza 687/90GCD. L-attur ma qalx kif Vella kellu jkun jaf b'dik il-kawza. Gialadarba l-azzjoni li ppropona l-kuratur hi bazata fuq qerq, kien l-obbligu tieghu li jaghti prova ta' dan. Mill-kuntratt jirrizulta li Vella hallas prezz ta' Lm142,500 sabiex xtara d-dar. Flus li somma konsiderevoli minnhom intuzaw sabiex thallas id-dejn li kien hemm mal-Bank of Valletta plc u Lombard Bank. Fil-fatt mill-provi rrizulta li fid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh tas-6 ta' April 2000:-
>
> "i. Bank of Valletta pl thallas Lm43,640.20 (ara Dok. RA1 u RA2).
>
> "ii. Lombard Bank thallas is-somma ta' Lm20,000 (ara Dok. MDE1).
>
> "Fuq il-kuntratt deheru rapprezentanti tal-banek li ddikjaraw li kienu qeghdin jirrinunzjaw ghall-garanziji in kwantu dawn kienu jolqtu l-proprjeta oggett tal-kuntratt. Fuq bazi ta' probabilita' Vella ma kienx ser jidhol ghal negozju simili li kieku kien jaf bir-retroxxena. Il-qorti hi konvinta li Vella kien xerrej bona fide. M'hemmx indizju li kien mod iehor.
>
> "6. Il-konkluzjoni tal-qorti hi li l-attur ma rnexxielux jaghti prova tal-qerq. Ghalhekk it-talbiet ser jigu michuda."

Rat ir-rikors tal-appell tal-avukat Dottor Simon Micallef Stafrace nominat kuratur tal-falliment ta' Alfred Debono, li permezz tieghu talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-intimata u tilqa' dan l-appell fil-bqija u thassar, tirrevoka u tannulla l-bqija tas-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talbiet attrici fis-shih, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

Rat ir-risposta tal-appellata Carmela sive Lina Debono li permezz taghha ssostni li l-appell interpost mill-appellant ghandu jigi michud fl-intier tieghu

[3] **Dr L. Cassar Pullicino nomine v. A. Debono** (342/1995).

u d-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-6 ta' Ottubru 2014, ghandha tigi kkonfermata fl-intier taghha, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-kawza mressqa mill-attur nomine titratta l-*actio pauliana,* azzjoni li toffri rimedju generiku u komprensiv lil kull kreditur biex jesigi dak li hu dovut lilu (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Frar, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Brigitte Vella v. Richard Vella et**). Kwindi l-attur nomine jressaq l-azzjoni revokatorja fil-konfront tal-konvenuti sabiex jigi rexxiss il-kuntratt bejn il-konvenuti tas-6 ta' April, tas-sena 2000, fl-atti tan-nutar Nathalie Pace Axiaq, li permezz tieghu l-proprjeta` Villa Debran, Triq il-Mielah, High Ridge, St. Andrew's, ghaddiet favur il-konvenut Adrian Vella, peress li jikkontendi li l-imsemmi kuntratt huwa rizultat ta' qerq u ingann u sar bi frodi fil-konfront tieghu.

Il-konvenuta appellata eccepiet illi (i) r-rikorrent m'ghandux interess guridiku mehtieg sabiex iressaq din il-kawza; (ii) l-kawza hija insostenibbli in kwantu ma jissussistux l-elementi mehtiega taht l-Artikolu 1144 tal-

Kodici Civili; u (iii) illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, in kwantu l-kuntratt in kwistjoni ma sarx b'qerq u ingann fil-konfront tal-kredituri ta' Alfred Debono.

L-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza fis-sens illi filwaqt li cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, bl-ispejjez kontra taghha, cahdet it-talbiet tal-attur, bl-ispejjez a karigu tal-patrimonju ta' Alfred Debono.

L-attur nomine hassu aggravat bl-imsemmija sentenza u interpona l-appell in ezami, peress li jikkontendi li l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti hija zbaljata, stante li jinghad minnu li hija mibnija fuq bazi skorretta, tenut kont tal-fatti tal-kaz. L-ewwel konkluzjoni zbaljata jinghad li tikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti rriteniet li s-sentenza moghtija fil-kawza 687/1990 fl-ismijiet **Joseph Bonello v. Alfred Debono et**, kellha taghmel stat biss fil-konfront tal-kreditur Joseph Bonello u mhux fil-konfront tal-kredituri l-ohra. L-appellant jikkontendi li kuntratt pubbliku, a differenza ta' skrittura privata (li taghmel ligi bejn il-partijiet li jiffirmawha) huwa *erga omnes* u ghalhekk ma jistax jigi jiswa kontra wiehed u ma jiswiex kontra iehor, altrimenti kuntratt pubbliku jigi li ma jiswiex fil-konfront tal-pubbliku kollu.

Jibda billi jigi osservat li in kwantu l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti kienet zbaljata fil-konkluzjonijiet taghha, li din il-Qorti, kif kellha diversi drabi okkazzjonijiet ohra li taghmel, li bhala regola, hija ma tiddisturbax

leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, jekk tara li dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Din il-Qorti ta' revizjoni tintervjeni biss jekk tirradika fiha l-fehma li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti huwa manifestament zbaljat b'mod li jekk tibqa' tregi l-konkluzjoni bbazata fuqu, tkun qed issir ingustizzja manifesta lejn xi parti. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Mejju, 2019 fil-kawza fl-ismijiet **Olive Gardens Investments Limited v. Charles Sant Fournier et**).

Trattat dan il-punt, imiss lil din il-Qorti tindirizza dak li l-appellant isejjah bhala zball tal-ewwel Qorti, meta kkonkludiet li s-sentenza 687/1990 tal-14 ta' Dicembru, 2001, tapplika biss fil-konfront tal-kreditur Joseph Bonello u mhux fil-konfront ta' kredituri ohra ta' Alfred Debono. Kif gustament osservat mill-appellata fir-risposta taghha, is-sentenza citata mill-attur appellant ma tistax tifforma stat fil-konfront ta' kredituri ohra u dan fuq il-bazi tal-principju *alios acta vel judicata aliis nec nocere nec prodesse potest.* Il-qafas legali ta' dan il-principju jinstab fl-Artikolu 237 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) fejn jinghad:

> *"Is-sentenza ma tista' tkun qatt ta' hsara ghal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz ta' l-awturi jew ta' rapprezentanti legittimi tieghu ma jkunx parti fil-kawza maqtugha b'dik is-sentenza."*

Kien ghalhekk li l-ewwel Qorti rriteniet li s-sentenza 687/1990 tal-14 ta' Dicembru, 2001, tapplika biss fil-konfront tal-kreditur Joseph Bonello u mhux fil-konfront ta' krédituri ohra. Kif inghad minn din il-Qorti (sede inferjuri) fis-sentenza taghha tat-12 ta' Jannar 2005 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Kontrollur tad-Dwana v. Philip Agius & Sons Limited et:**

> "*Jitnissel minn dan il-provvediment illi r-res judicata ma testendix l-effetti taghha ghal dawk il-kredituri jew debituri ohra li ma jkunux dehru personalment jew tramite xi rapprezentant f' dak il-gudizzju. Gudizzju li ghalihom hu res inter alios acta. Ara Mattirolo, "Diritto Giudiziaro", Vol. V, para. 159;"*

Filwaqt li din il-Qorti taqbel fis-shih ma' dan l-insenjament, izzid tghid li dan ir-ragunament jinstilet ukoll mill-istess sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-14 ta' Dicembru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Bonello v. Debono** citata mill-appellant, fejn inghad:

> *"Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti sejra tilqa' t-talbiet tal-attur, u taqta' l-kawza billi wara li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tghid illi kien bi hsieb ta' qerq li l-konvenuti dehru fuq il-kuntratt tat-30 ta' Marzu, 1990, fl-atti tan-Nutar Mark Coppini, li kellu l-effett li jqieghed lill-konvenut f'qaghda li ma jistax ihallas id-dejn li ghandu ma' l-attur , u* ***tghid illi dak il-kuntratt ma hux opponibbli ghall-attur [Joseph Bonello], u ma jiswiex u ma ghandux jitqies, safejn huwa bi hsara tal-jeddijiet u l-interessi ta' l-attur [Joseph Bonello]."*** (enfasi ta' din il-Qorti)

Minn din is-silta jirrizulta car li dik il-Qorti ddikjarat il-kuntratt bhala mhux opponibbli u ma jiswiex limitatament fil-konfront ta' Joseph Bonello, kif ukoll li m'ghandux jitqies bi hsara tal-jeddijiet u l-interessi tal-istess Bonello u mhux fil-konfront ta' kredituri ohra.

Kwindi minn din il-perspettiva, dan l-aggravju tal-appellant ma jregix.

Imiss li jigi trattat it-tieni aggravju tal-attur appellant, fejn jinghad minnu li fir-rigward tan-nuqqas ta' provi fir-rigward ta' Adrian Vella, kollox finalment idur fuq il-qerq tal-konvenuta Debono (u naturalment ukoll minn Alfred Debono), li giet pperpetwata b'mod pubbliku u dan sabiex jigu evitati l-kredituri. Jikkontendi li ladarba att pubbliku gie dikjarat null mill-Qorti permezz tal-proceduri 687/1990, kull att li sar wara huwa konsegwentement null ukoll. Kwindi jikkontendi li r-ragunament tal-ewwel Qorti li Adrian Vella ma kienx jaf, ghaliex kieku kien jaf dwar il-problemi, ma kienx jiffirma l-kuntratt ta' akkwist, mhux korrett. Ghalhekk isostni li l-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti kienu biss supposizzjoni. Jishaq li gialadarba gie deciz fil-kawza 687/1990, li l-kuntratti saru b'qerq tal-kredituri l-ohra, bilfors li l-qerq gie perpetwat f'kull att sussegwenti. Skont l-attur appellant isegwi li, it-talba tieghu ghar-rexxissjoni, bil-konsegwenza li l-intimata tigi ordnata trodd lura l-flus minnha percepit fuq il-kuntratt ta' bejgh, hija konsegwenza naturali tal-*actio pauliana* gja deciza. Dan bhala riflessjoni ta' zewg principji bazici *fraus omnia corrumpit* u *quod nullum est, nullum producit effectum.*

Din il-Qorti tqis opportun tfakkar illi l-*actio pauliana* (imsejha wkoll azzjoni revokatorja) mressqa mill-attur tissejjes fuq l-Artikolu 1144 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta), li jipprovdi:

> *"(1) Kull kreditur jista' wkoll, f'ismu, jattakka l-atti magħmula b'qerq mid-debitur bi ħsara tal-jeddijiet tiegħu, bla preġudizzju tal-jedd tal-konvenut għall-eċċezzjoni tal-benefiċċju tal-eskussjoni, taħt id-disposizzjonijiet tal-artikoli 795 sat-801 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili.*
>
> *"(2) **Jekk dawn l-atti jkunu b'titolu oneruż, il-kreditur għandu jipprova li kien hemm qerq min-naħa taż-żewġ partijiet fil-kuntratt**.*
>
> *"(3) Jekk dawn l-atti jkunu b' titolu gratuwitu, biżżejjed li l-kreditur jipprova li kien hemm qerq min-naħa tad-debitur …"*

Minn harsa tal-provi in atti ma hemm ebda dubju li l-kuntratt ta' bejgh li l-attur nomine qieghed jattakka f'din il-kawza, cioe` l-kuntratt ta' bejgh tas-6 ta' April, 2000, fl-atti tan-nutar Nathalie Pace Axiaq, sar b'titolu oneruz u mhux wiehed gratuwitu. Tant hu hekk li mix-xhieda taz-zewg rapprezentanti tal-banek u mid-dokumenti pprezentati minnhom, jirrizulta li parti sostanzjali mill-hlas tal-prezz tal-proprjeta` in kwistjoni, mar sabiex jithallas id-dejn li kellu kemm Alfred Debono sabiex giet ikkancellata ipoteka li kellu l-bank fuq il-fond suggett ghall-bejgh, kif ukoll sabiex jaghmel tajjeb ghal garanzija li kien hemm fuq id-dar in kwistjoni kontra Sade Company Limited bhala debitur principali u Carmelina Debono bhala garanti. Ladarba jirrizulta li t-trasferiment tal-proprjeta` in kwistjoni saret b'titolu oneruz, kien mehtieg mill-attur nomine li jipprova mhux biss qerq min-naha tad-debitur, izda min-naha taz-zewg partijiet fil-kuntratt, kif mahsub fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 1144, f'dan il-kaz kemm tal-konvenuta Carmelina Debono, kif ukoll ta' Adrian Vella.

Kwindi biex tirnexxi l-azzjoni attrici kontra l-konvenuti, jehtieg li jkunu sodisfatti dawn l-elementi:

(I) l-*eventus danni;*

(II) il-*consilium fraudis;*

(III) il-*partecipatio fraudis.*

L-ewwel element huwa dak li jigi ppruvat li bl-att impunjat, l-attur bhala kreditur ikun sofra dannu konsegwenti ghal diminuzzjoni fil-patrimonju tad-debitur. It-tieni element huwa x-xjenza tad-debitur li b'dak li ghamel tkun qieghda tigi mnaqqsa s-solvibilita` tieghu, jew tigi determinata l-insolvenza tieghu, izda mhux mehtieg li tigi ppruvata l-intenzjoni tad-debitur li jigi defrawdat il-kreditur. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Marzu, 1957, fil-kawza fl-ismijiet **Henry Pace et noe v. Antonio Portanier**)(kolleż: Vol. XLI. i. 627). Relevanti ghal dan l-aggravju in ezami huwa t-tielet element, dak tal-*partecipatio fraudis,* proprju rikjest f'dan il-kaz peress li kif inghad qabel, l-att impunjat huwa wiehed oneruz. Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta' Jannar, 1954, fil-kawza fl-ismijiet **Gio Maria Chircop v. Rosario Mifsud et** inghad:

> *"Bi frodi tat-terz akkwirent ghandu jiftiehem in-notizzja li dan kellu ta` l-istat tad-debitur, jigifieri x-xjenza li d-debitur, bl-att li kien sejjer jaghmel, kien se jirreka dannu lill-kreditur, sija billi d-debitur jirrendi ruhu insolvibbli, sija billi tizdied din l-insolvenza."*

L-attur *nomine* ma rnexxilux jipprova bl-ebda mod li l-konvenut Adrian Vella kien jaf bl-istat finanzjarju tal-konvenuta Carmelina Debono jew ta' Alfred Debono, tant hu hekk li Vella qatt ma tressaq sabiex jixhed. Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-attur appellant fis-sens li Adrian Vella kien affetwat mill-qerq ta' Lina Debono. Dan jinghad peress li, kieku kien il-kaz li l-qerq tat-terz huwa bbazat fuq il-qerq tad-debitur venditur, dan ifisser li l-htiega tat-tielet element ta' *partecipatio fraudis* huwa inutili u jispicca fix-xejn, hekk kif malli jigi ppruvat il-qerq tat-debitur, jigi ppruvat il-qerq tat-terz. Huwa evidenti li l-element tal-*partecipatio fraudis* huwa mahsub proprju li jipprotegi terz li jkun agixxa *in buona fede*. Kwindi ghandha ragun l-konvenuta appellata meta ssostni li l-qerq jew il-*buona fede* tat-terz ma jiddependix mill-qerq jew *buona fede* tal-parti l-ohra komparenti fuq il-kuntratt.

Inoltre relevanti wkoll huwa l-fatt li l-kuntratt ta' bejgh fl-atti tan-nutar Nathalie Pace Axiaq, li l-attur *nomine* qieghed jittanta li jigi impunjat f'din il-kawza sar fis-6 ta' April, 2000, mentri l-kawza li fuqha jsejjes il-pretensjoni tieghu l-attur nomine, dik li ggib referenza 687/1990 fil-kawza fl-ismijiet **Bonello v. Debono et** giet deciza finalment fl-14 ta' Dicembru, 2001, jigifieri aktar minn sena wara li sehh it-trasferiment in kontestazzjoni, kwindi lanqas jista' jinghad li Adrian Vella seta' kien jaf bil-problemi tal-venditrici f'dan is-sens. Wara kollox, a bazi tal-principju li min jallega jrid jipprova, kien jispetta lill-attur appellant li jressaq il-prova cara li Adrian Vella kien jaf bil-problemi li kien hemm marbuta mal-proprjeta` u

l-asserzjoni tal-attur appellant li Adrian Vella seta' kien jaf u ha r-riskju, m'hija xejn ghajr spekulazzjoni gratuwita.

Lanqas ma jregi l-argument tal-attur appellant li ladarba att pubbliku gie dikjarat null mill-Qorti permezz tal-proceduri 687/1990, kull att li sar wara huwa konsegwentement null ukoll a bazi tal-principju *quod nullum est, nullum producit effectum.* Filwaqt li a skans ta' repetizzjoni ssir referenza mill-gdid ghall-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti maghmula taht l-ewwel aggravju, taghmel referenza wkoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Mejju, 2014, fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Martin Cutajar et v. Roy Fleming et**:

> *"15.* ***L-effett tal-azzjoni pawljana ma huwiex dak li jħassar għal kollox il-kuntratt għax l-effetti obbligatorji jibqgħu jorbtu lill-partijiet fuq il-kuntratt u jibqgħu jiswew ukoll quddiem terzi****;* ***il-kuntratt jitħassar biss fl-interess tal-kreditur li jmexxi bl-azzjoni****. Dan it-tħassir fl-interess tal-kreditur-attur huwa meħtieg sabiex il-ħaga aljenata tingieb lura fil-patrimonju tad-debitur u hekk dan ikun jista' jwettaq l-obbligazzjoni tiegħu li jgħaddiha lill-kreditur, ladarba l-obbligazzjoni ma tkunx tista' tigi esegwita kontra t-terza persuna billi din ma tkunx debitrici tal-kreditur għal dik l-obbligazzjoni*". (enfasi ta' din il-Qorti).

Tirrileva inoltre li l-gurisprudenza interpretattiva taghmel distinzjoni bejn kazijiet ta' rexxissjoni ta' kuntratt u dawk ta' nullita` assoluta, fejn fl-ewwel kaz hemm il-presunzjoni ta' l-ezistenza tal-obbligazzjoni, filwaqt li fit-tieni kaz, ikun hemm eskluzjoni tal-ezistenza totali tal-obbligazzjoni. Jigi ribadit li fil-kaz tas-sentenza 687/1990 fil-kawza fl-ismijiet **Bonello v. Debono et**, il-kuntratt tat-30 ta' Marzu, 1990, fl-atti tan-Nutar Mark Coppini, bejn Alfred Debono u Carmela sive Lina Debono, li permezz tieghu sehh ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom,

gie dikjarat mhux opponibbli u ma jiswiex limitatament fil-konfront tal-kreditur Joseph Bonello, u l-istess kuntratt ma giex dikjarat null kif isostni l-attur appellant f'din il-kawza. Ghalhekk il-kuntratt tat-30 ta' Marzu, 1990, baqa' jorbot lil Alfred u Carmelina Debono, kif ukoll baqa' jiswa fil-konfront ta' terzi. Kwindi lanqas minn dan il-lat l-argument tal-attur appellant ma jista' jirnexxi u ser jigi michud.

Isegwi li sewwa rriteniet l-ewwel Qorti li l-*actio pauliana* mressqa mill-attur ma setghetx tirnexxi u ghall-istess ragunijiet lanqas dan it-tieni aggravju tal-appell ma jista' jintlaqa'.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attur Dr. Simon Micallef Stafrace *nomine* billi tichad l-istess, filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-6 ta' Ottubru, 2014, fl-ismijiet premessi fis-shih.

Bl-ispejjez tal-prim'istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, filwaqt li l-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu a karigu tal-patrimonju ta' Alfred Debono.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm